MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2006

Numru 322/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**v**

**MARIO BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO BORG** ta’ disgha w tletin sena, bin il-mejjet Nazzareno u Anne nee Falzon, imwieled l-Pieta nhar t-tlieta ta’ Awissu 1966 u residenti ‘Falzon Court’, Flat 1, Triq t-Turisti, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 339466M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-hmistax ta’ Ottubru 2003, f’hinijiet differenti gewwa l-Gzejjer ta’ Malta, u cioe fil-Belt Valletta, u fil-granet u xhur ta’ qabel, ta xhieda falza f’materja civili quddiem awtorita komptetenti.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-kunsens tal-Avukat Genrali datat tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2005 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar t-tnejn ta' Novembru 2005 ai termini tal-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 10].

Rat wkoll l-process dwar separazzjoni li ghaddejjin minnha Mario Borg u Mary Rose Borg quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Sessjoni Familja li tinsab sub judice quddiem il-Qorti tal-Appell li hu mmarkat bhala document Z [fol 13].

Rat wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija ppresentata seduta stante nhar t-tlieta ta' Lulju 2006 [fol 44 et seq].

Semghet lid-difiza taghmel s-sottomissjonijiet taghha fis-seduta ta' nhar s-sitta ta' Novembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbatax ta' Novembru 2005 **xehed Paul Aquilina** [fol 15] fejn qal li gie mitlub jghid x'impjeg kellu l-imputat Mario Borg fis-sena 2002, 2003 u 2004. Ix-xhud esibixxa l-*history sheet* tal-imputat li gew mmarkati bhala dokumenti ETC, ETC 1, ETC 2 u ETC 3 [fol 17et seq]. Qal li fis-sena 2002 ma kienx registrat l-impjieg tal-imputat. Qal li fis-sittax ta'Gunju 2003 kien impjegat ma Sacred Heart Bakery u telaq *for personal reasons* u hmistax wara rega' beda mal-istess mghallem fil-Hamrun u skond r-records jidher li ghadu impjegat hemm sa

dakinhar. Qal li d-dokument ETC 3 juri li hu qatt ma kien qed jirregistra ghax-xoghol.

Illi nhar l-erbatax ta’ Novembru 2005 **xehed PS 112 Oliver Vella** [fol 25] fejn esibixxa stqarrija li giet mehuda mill-Ispettur tal-imputat odjern presenti fl-awla li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 27]. Qal li qabel ma ttiehdet din l-istqarrija, l-imputat gie moghti s-solita twissija w ikkonferma l-firma tal-Ispettur Mario Tonna u dik tieghu fuq kull faccata taghha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn l-proceduri odjerni pero rrilaxxa stqarrija dakinhar stess tal-investigazzjoni mizmuma mill-Pulizija Ezekuttiva nhar t-tletin ta’ Lulju 2005.

Illi jirrizulta minn ezami tal-istess li l-imputat ma jghid xejn inkriminanti u jghid biss li hu mizzewweg lil certa Maryrose nee Cordina u li fil-fatt jahdem ma huh Joseph Borg fil-forn f’Ghost Street, Hamrun. Dwar il-kumplament ta’ domandi li saru lilu mill-pulizija, l-imputat ghogbu ma jirrispondix, kif kellu kull dritt li jaghmel.

Illi l-prosekuzzjoni, f’dan il-kaz, ma ressqitx wisq provi u sincerament, il-Qorti ma tafx fejn allegatament l-imputat xehed il-falz u cioe jekk hux fis-seduta tal-hmistax ta’ Ottubru 2003 [fol 93 tal-process civili] pero minn ezami tal-istess, l-Qorti ma tistax tasal ghalkemm parti mix-xhieda kienet inveritiera.

Il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda xhud sabiex jikkontradixxi dak li effettivament w allegatament qal l-imputat qua konvenut fil-kaz civili fl-ismijiet Maryrose Borg v Mario Borg – Citazz. Nru. 92/01 NA.

Il-Qorti ezaminat wkoll s-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili moghtija nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Frar 2005 fl-istess ismijiet fuq citati u rat dik l-parti tas-sentenza fejn dik il-Qorti dehrilha li l-Pulizija Ezekuttiva kellha tinvestiga lil imputat a bazi tal-artikoli appositi tal-

Kodici Kriminali inkluz l-artikolu 106 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bir-rispett kollu pero din il-Qorti li ma hiex fl-istess posizzjoni li kienet dik l-istess Qorti li semghet x-xhieda viva voce tal-kaz, ma tistax tasal ghal konkluzzjoni li effettivament l-imputat xehed il-falz. Din il-Qorti qrat s-sentenza msemmija tit-totalita taghha u rat li dik l-istess Qorti kienet ghamlet referenza ghal xhieda mismugha minnha f'kawza fl-ismijiet inversi u cioe Mario Borg v Maryrose Borg - Citazz. Nru. 2577/00 RCP [fol 162 tal-process civili esibit fl-atti]. Illi din r-referenza kollha fil-kamp penali ma jikkostitwix prova fil-konfront tal-imputat w ghaalhekk din l-Qorti ma tistax taghti kasha. Din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi l-kawza fuq il-provi li ghandha quddiemha u mismugha minnha, u mhux fuq dawk il-provi mismugha minn Qorti ohra u li ma jiffurmawx parti minn dan il-procediment odjern,

Il-kwistjoni dwar kemm effettivament iddikjara li jaqla l-imputat bhala introjtu u kemm effettivament jaqla in realta, ma gewx ppruvati quddiem din il-Qorti ghaliex il-prosekuzzjoni naqset li tressaq xi xhud dwar d-dhul tieghu. Ix-xhieda li xehdu fil-proceduri civili m'ghadhomx widen f'din il-Qorti jekk ma jingiebux biex jikkonfermaw tali xhieda quddiem l-imputat viva voce l-Qorti f'dan il-kaz. Hija x-xhieda tieghu biss li din il-Qorti tista tikkonstata bhala prova tal-prosekuzzjoni u bir-rispett kollu, din il-prova wahedha, ma tammontax ghar-reat in kwistjoni.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 106 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li **ma ssibx lil imputat MARIO BORG hati tal-akkuza kif dedotti fil-konfront tieghu u tiilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------